



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Jannar 2020
(OR. de, en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0138(COD)

14401/19
ADD 1 REV 2 (en, fr, da, el, fi, cs, et,
lv, lt, hu, mt, pl, sk, sl, bg, ro, hr, ga)

TRANS 548
CODEC 1665

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13984/19
Nru dok. Cion:	9075/18
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmxexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport – Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni, Enerġija) tat-2 ta' Diċembru 2019.

Dikjarazzjoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa li fiha ttieħdet id-deċiżjoni dwar l-adozzjoni, mill-Kunsill Trasport, tal-approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmxexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport

Il-Ġermanja tassumi li d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċellerazzjoni tal-proċedura li jinsabu fil-proposta attwali għandhom biss fil-mira tagħhom l-iżvolġiment u l-organizzazzjoni formali tal-proċedura u huma mingħajr preġudizzju għall-kriterji sostantivi tal-evalwazzjoni li jirriżultaw mir-rekwiżiti tal-liġi sostantiva.

Il-Ġermanja tassumi, b'mod partikolari, li l-fatt li ż-żmien biex tiġi kkompletata l-proċedura tal-ġhoti tal-permessi ġie, bħala kwistjoni ta' prinċipju, limitat għal erba' snin, kif previst fl-Artikolu 6(1) tal-abbozz tal-approċċ ġenerali, la jista' jitqies li jirrikjedi u lanqas jista' jintuża biex jiġġustifika xi limitazzjoni sostantiva tal-ambitu tal-evalwazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-ambjent jew tnaqqis tal-kriterji tal-evalwazzjoni li għandhom jiġu rispettati fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent fil-qafas tal-proċedura, la fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali u lanqas fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali f'konformità mad-Direttiva.
